MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 126/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**Vs**
**Holbie Aleaddin**
**Samah Monsour Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Settembru, 2008, ghall-habta tas-2.30 p.m., fl-Msida :-
1) kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
2) hebbew kontra l-persuna ta' Simon Galea w Naima Galea sabiex jingurjawhom, iddejquhom jew jaghmlulhom hsara;
1) lil Holbie Aleaddin wahdu, fl-istess lok hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti jew

ghamel atti jew gesti oxxeni jew b’xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa w jew id-decenza pubblika;
2) ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel;
3) ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-1 t’ April, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(dd), 339(10(d0, 338(ee), 338(bb) u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ malta, sabet lill-appellant Holbie Aleaddin hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu ammenda kumplessiva ta’ mitt Euro (€100) u b’applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rabtet lill-appellant b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ erba’ mitt Euro (€400) ghal zmien tnax-il xahar milli jkellem, jimmolesta jew jivvessa lil Simon u Naima Galea.
Wara li rat l-artikolu 338(dd) u 339(1)(d) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti Samah Monsour Galea hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha w b’applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rabtet lill-appellanti b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ erba’ mitt Euro (€400) ghal zmien tnax-il xahar milli timmolesta w tivvessa lil Simon u Naima Galea.

Rat ir-rikors tal-appellant Holbie Aleaddin minnu pprezentat fl-14 t’April, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :
a. tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel akkuza fejn hu akkuzat flimkien ma Samah Monsour Galea;
b. tikkonfermaha fl-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuzi fejn huwa gie akkuzat wahdu;

c. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni akkuza fejn hu akkuzat flimkien ma Samah Monsour Galea limitatament fil-konfront ta' Simon Galea;
d. tikkonfermaha wkoll fejn gie kkundannat ammentda kumplessiva ta' mitt Euro w
e. tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni akkuza (fejn gie akkuzat flimkien ma' Smah Monsour Galea) b'riferenza ghal Naima Galea kif ukoll f'dik il-parti fejn erogat piena ta' obbligazzjoni personali taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 u rabtet lill-appellant taht penali ta' 400 mitt Euro ghal zmien tnax-il xahar milli jkellem, jimmolesta jew jivvessa lil Simon u Naima Galea, u minflok tinfliggi piena iktar idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-14 t'April, 2009, li bih talbet li
din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija
w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornata tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Holbie Aleaddin fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi filwaqt illi l-appellant mhux qed jikkontesta dak li qalu l-Pulzija fl-affidavits taghhom, huwa fl-ebda hin ma hebb ghal persuna ta' Naima Galea. Fil-fatt Naima Galea ma semmietx fl-affidavits tal-Pulizija w mill-provi kollha jidher car illi Naima Galea fl-ebda hin ma kienet fil-prossimita' ta' Holbie Aleaddin u zgur ma jistax jinghad illi huwa b'xi mod hebb ghaliha.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti Samah Monsour Galea fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-akkuza fil-konfront ta' l-appellanti hija marbuta ma' hin partikolari u cioe' s-2.30 p.m. Il-Pulzija li xehdu u li gew fuq il-post proprju fil-hin ta' l-incident, it-tnejn qalu fl-affidavits illi huma ghall-habta tas-2.20 p.m. ircevew

telefonata illi kien hemm argument familjari ghaddej u fil-fatt meta marru fuq il-post kull ma raw kien lil Simon Galea jitkellem ma l-ex mara tieghu. Storbju ma kienx hemm, wisq inqas ksur tal-paci pubbliku. Kemm PS 778 u PC 148 li marru fuq il-post proprju fis-2.30 p.m. jew ftit qabel ghamluha cara fl-affidavits taghhom li argumenti ma kienx hemm. Fi kliem PC 148 ***"ma sibna l-ebda argument. Kull ma sibna kien il-certu Simon Galea .... jitkellem ma l-ex mara tieghu Samah Monsour Galea".*** L-anqas biss issemmiet remotament il-persuna ta' Naima Galea.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti :-
L-appellanti Samah Monsour Galea ghamlet zmien mizzewga lil Simon Galea li minnu kellha tifel li llum ghandu tmien snin. Iz-zwieg taghhom ma marx sew u llum huma separati b'Samah Monsour Galea mizzewga lil Holbie Aleaddin, pero' minhabba kwistjonijiet illi kien hemm bejn Samah Monsour u Simon Galea, dan ta' l-ahhar cahhad lil Samah l-access ghal binhom. Din is-sitwazzjoni baqghet sejra ghal xi sitt xhur. Darba minnhom Samah iccempel lir-residenza ta' Simon Galea w jirrispondiha t-tifel u wera x-xewqa illi jaraha. Samah telqet kollox u marret fir-residenza ta' Simon Galea w staqsietu ghat-tifel. Simon hareg bit-tifel taghhom illi dak il-hin kien liebes biss qalziet ta' taht. Samah ma haditx pjacir meta ratu b'dan il-mod u nfexxet fit-tifel kemm bl-ecitament illi kienet qed tarah kif ukoll ghal mod kif kien liebes u nqala incident bejnha w bejn l-ex ragel taghha Simon. Jidher illi dan l-incident kien serju bizzejjed biex jidhlu l-Pulizija illi marru fuq il-post biex jikkalmaw is-sitwazzjoni kif xehdu PS 778 u PC 148.

Min-naha ta' Holbie Aleaddin kif gja nghad, dan illum huwa mizzewweg lil Samah Monsour Galea w ghandhom tifla ta' sentejn. Dak inhar ta' l-incident wasal id-dar u sab lit-tifla wahidha. Skanta kif martu hallietha wahidha. Cemplilha w irrealizza illi kienet hdejn Simon Galea ghalhekk mar hemmhekk biex jara x'gara. Kien irrabjat ghal Samah talli halliet it-tifla wahidha w irrabjat ghal

Simon Galea talli gab lil martu f'dik is-sitwazzjoni. L-incident illi kien hemm bejn Simon Galea w Samah Monsour kompla eskala meta tfacca Holbie Aleaddin fejn dan hebb ghal Simon Galea fil-presenza tal-Pulizija w meta dawn ippruvaw jintervjenu rrezista l-arrest u infexx fihom. Veru illi meta kkalma skuza ruhu kemm il-darba mal-Pulizija.

L-appellanti tressqu l-Qorti sabiex iwiegbu ghall-akkuzi in konnessjoni ma' dan l-incident u b'sentenza tal-1 t'April, 2009 il-Qorti tal-Magistrati tat id-decizjoni taghha kif jidher fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Minn din id-decizjoni sar appell u l-appellanti qeghdin jilmentaw illi l-Ewwel Qorti kienet severa fil-konfront taghhom u talbu illi tigi konfermata parti mis-sentenza w revokata ohra, specjalment dik fejn imponiet garanzija fuq l-appellanti fil-kuntest tal-artikolu 383 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta' dizgwid familjari illi gara bejn zewg konjugi li z-zwieg taghhom falla w bhalma sfortunatament jigri ta' spiss, gew uzati l-ulied bhala lixka sabiex tigi mwegga parti jew ohra.

Kif ghalmet din il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija kontra Carmelo Schembri" [28.04.1995]** ***"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' Appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' Appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma ddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondiet tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha."*** (Ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. George**

**Azzopardi [14.02.1989], Pulizija vs. Anthony Zammit [31.05.1991] Pulizija vs. Amadeo Brincat et. [06.06.1994]).**

Minn ezami akkurat tal-atti w il-provi li rrizultaw minnhom, din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli fil-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti w id-decizjoni hija wahda legalment korretta w ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u decizjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell taz-zewg appellanti w tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------